



# It-Tibdil fil-Klima

**Il-klima qegħda tinbidel minħabba l-kwantità kbira ta' tniġġis li l-bniedem qed jikkaġuna. L-ammonti kbar ta' dħaħen u gassijiet li qed jintefgħu qed iwasslu biex it-temperatura medja tad-dinja tiżdied b'rata allarmanti. Għalhekk qed jittieħdu diversi passi biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima.**

- Huwa rikonoxxut li l-klima diġà qegħda tinbidel b'mod mgħaġġel minn studji u analiżi li qegħdin jagħmlu x-xjenzati. Ħafna mis-silġ f'wiċċ id-dinja wkoll qiegħed jinħall b'rata allarmanti.

- L-Unjoni Ewropea hija minn ta' quddiem fil-ġlieda kontara t-tibdil fil-klima u ilha tipproponi miżuri li jnaqqsu l-emissjonijiet.

- L-Unjoni Ewropea kienet fuq quddiem fin-negozjati fejn jidħol l-iffirmar tat-Trattat ta' Kyoto, li poġġa miri biex jonqos it-tniġġis. Però fir-realtà ma kienx hemm tnaqqis fl-emissjonijiet.









- Bħalissa għaddejjin negozjati fuq livell dinji biex jintlaħaq ftehim dwar tnaqqis fil-livelli ta' emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju (dħaħen jew carbon dioxide). L-Unjoni Ewropea qedha tipproponi tnaqqis ta' 20% mill-livell ta' emissjonijiet fl-1990 u lesta tgħolli dan il-livell sa 30% jekk ikun hemm ftehim globali dwar it-tnaqqis fl-emissjonijiet.

- L-Unjoni Ewropea qegħda wkoll tieħu passi biex jinbeda l-proċess ta' addattament għat-tibdil fil-klima.

- In-negozjati internazzjonali se jilħqu l-punt deċisiv ġewwa Kopenhagen f'Diċembru li ġej.


MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

*280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112*
*2590 9101*
*info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*